Il-Kummissjoni Ewropea



Sett ta' għodod għall-għalliema

# Kif tidentifika u tiġġieled id-diżinformazzjoni

Dan id-dokument ma jistax jitqies li jikkostitwixxi pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024

© L-Unjoni Ewropea, 2024

Il-politika dwar l-użu mill-ġdid tal-Kummissjoni hi implimentata permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/833/UE tat-12 ta' Diċembru 2011 dwar l-użu mill-ġdid ta' dokumenti tal-Kummissjoni (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2011/833/oj). Għajr jekk ikun indikat mod ieħor, l-użu mill-ġdid ta' dan id-dokument huwa awtorizzat bil-liċenzja Creative Commons Attribution 4.0 International (CC BY 4.0) (https://creativecommons.org/licenses/by/4.0/). Dan ifisser li l-użu mill-ġdid huwa permess kemm-il darba jingħata kreditu xieraq u jiġu indikati t-tibdiliet kollha.

Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' elementi li mhumiex proprjetà tal-Unjoni Ewropea, jista' jkun hemm bżonn li jintalab permess direttament mid-detenturi tad-drittijiet rispettivi.

Illustrazzjonijiet: iddisinjat minn upklyak - Freepik.com

PDF ISBN 978-92-68-13954-7 doi:10.2775/094043 NA-03-24-059-MT-N

# KONTENUT


**1. Introduzzjoni** 4

**2. Noti dwar il-preżentazzjoni** 8

**3. Studji tal-każ** 14

Studju tal-każ Nru 1 L-influwenza dejjem tikber ta' "Q" 15

Studju tal-każ Nru 2 Attenzjoni! Il-punti ewlenin tal-aħbarijiet dwar is-saħħa jistgħu jkunu qarrieqa 16

Studju tal-każ Nru 3 L-għasafar ta' vera? 17

Studju tal-każ Nru 4 Diskussjoni fil-media soċjali dwar l-elezzjonijiet 18



# 1. Introduzzjoni

# INTRODUZZJONI

Dan is-sett ta' għodod għandu l-għan li jagħti riżorsi lill-għalliema tas-sekondarja sabiex jibdew konverżazzjonijiet mal-istudenti tagħhom dwar il-mistoqsijiet importanti mqajma mit-tixrid ta' informazzjoni falza, u b'mod aktar speċifiku d-diżinformazzjoni. Din saret problema dejjem akbar f'dawn l-aħħar snin. Dawn huma relatati mas-saħħa, id-demokrazija, l-ambjent, u n-normi kulturali u legali li jirfdu s-soċjetajiet tagħna.

Ħafna minn dawn il-mistoqsijiet m'għandhomx tweġiba sempliċi u l-għan ta' dawn il-materjali mhuwiex sempliċiment li l-istudenti jitgħallmu x'inhu veru u x'inhu falz, iżda li jwassluhom biex jaħsbu dwar kif l-informazzjoni tiġi ppreżentata u x'motivazzjonijiet jista' jkollhom dawk li jxerrdu informazzjoni falza jew qarrieqa. Huma se jitgħallmu dwar l-istrateġiji li l-propagaturi tad-diżinformazzjoni spiss jużaw biex jimmanipulaw l-udjenza tagħhom, dwar kif bħala konsumaturi tal-media jistgħu jevitaw li jiġu mqarrqa, u dwar kif jitkellmu ma' persuni li jkunu emmnu d-diżinformazzjoni.

L-edukaturi huma parti ewlenija mill-konverżazzjoni dwar id-diżinformazzjoni. Għal aktar riżorsi dwar kif jistgħu jitfasslu lezzjonijiet dwar id-diżinformazzjoni u l-litteriżmu diġitali b'mod aktar ġenerali, agħti ħarsa lejn il-Linji Gwida għall-għalliema u l-edukaturi dwar l-indirizzar tad-diżinformazzjoni u l-promozzjoni tal-litteriżmu diġitali permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ ippubblikati mill-Kummissjoni Ewropea.



**AĊĊESSA L-PREŻENTAZZJONI TAS-SETT TA' GĦODOD**
BILLI TIKKLIKKJA HAWN

**KONTENUT TA' SETT TA' GĦODOD DISPONIBBLI**

- **Preżentazzjoni introduttorja** (fil-format PPT)
  - Il-vidjos fuq YouTube inkorporati huma bl-Ingliż/bir-Russu, iżda hemm disponibbli t-traskrizzjonijiet tradotti
  - L-ispjegazzjonijiet u d-deskrizzjonijiet huma disponibbli fit-taqsima tan-Noti taħt kull slide
- **4 studji tal-każ għal gruppi ta' ħidma** b'mistoqsijiet għad-diskussjoni (paġni 15–18 ta' dan id-dokument).



## GĦAL XIEX JINTUŻA?

Dan is-sett ta' għodod huwa mfassal biex jintroduċi liż-żgħażagħ għall-fenomenu tad-diżinformazzjoni — iwassal fehim tat-theddid li joħloq, jispjega kif l-istudenti jistgħu jipproteġu lilhom infushom minnu, u jipprovdi opportunità biex wieħed iħares aktar fil-fond lejn eżempji partikolari. Is-sett ta' għodod huwa miftuħ u bla ħlas biex jintuża minn kwalunkwe stabbiliment edukattiv. Għalkemm jista' jiġi aġġustat u mfassal għal gruppi ta' età oħra, il-grupp fil-mira ewlieni huwa l-adolexxenti minn 15 sa 18-il sena.

## KIF TUŻAH

Is-sett ta' għodod huwa mfassal biex ikopri lezzjoni waħda jew tnejn għal klassi medja ta' skola sekondarja.

Il-preżentazzjoni bil-PowerPoint tinkludi links għal diversi vidjos. Għal lezzjoni waħda, waħda jew tnejn minn dawn għandhom ikunu biżżejjed biex twassal il-punti ewlenin — tista' tuża l-oħrajn jekk għandek il-ħin, jew jekk tixtieq tifrex il-materjal fuq diversi lezzjonijiet. Aħna nħallu f'idejn l-għalliem biex jiddeċiedi liema vidjos ikunu l-aktar adatti għal klassi partikolari u jiġġeneraw l-aktar diskussjonijiet interessanti.

## X'INHI DIŻINFORMAZZJONI?

Il-Linji Gwida għall-għalliema u l-edukaturi jiddefinixxu d-diżinformazzjoni bħala "informazzjoni falza jew qarrieqa li tista' tiġi vverifikata, maħluqa, ippreżentata u mxerrda għal gwadann ekonomiku jew biex tqarraq intenzjonalment bil-pubbliku". Il-miżinformazzjoni hija "informazzjoni falza li tista' tiġi vverifikata, li tinxtered mingħajr l-intenzjoni li tqarraq".

Dan is-sett ta' għodod jiffoka fuq l-għajnuna lill-istudenti biex jidentifikaw tekniki manipulattivi u jiżviluppaw il-ħiliet biex jivvalutaw l-informazzjoni huma stess. Tista' ssib aktar informazzjoni dwar id-definizzjonijiet fil-Linji Gwida llinkjati hawn fuq u fit-taqsima Tgħallem ta' EUvsDisinfo.

## L-ATTIVITAJIET RAKKOMANDATI JINKLUDU DAWN LI ĠEJJIN:

| ATTIVITÀ | ĦIN MINIMU | MATERJAL ISSUĠĠERIT |
|---|---|---|
| Preżentazzjoni dwar x'inhi d-diżinformazzjoni (slides 1–21) | 35 minuta | Preżentazzjoni bil-PowerPoint, traskrizzjonijiet bil-vidjow, diskussjoni interattiva |
| Ħidma fi grupp (gruppi ta' massimu 5–6) (slide 23) | 15–25 minuta | Studji tal-każ (u preżentazzjoni bil-PowerPoint bħala referenza) |
| Preżentazzjonijiet tal-grupp u diskussjoni | 25 minuta għal kull grupp | Studji tal-każi |






# 2. Noti dwar il-preżentazzjoni

# NOTI DWAR IL-PREŻENTAZZJONI

Jekk għandek aktar ħin disponibbli, tista' testendi t-taqsima dwar "Kif taħdem id-diżinformazzjoni" (eż. billi tqatta' aktar ħin teżamina sorsi esterni u tiddiskuti l-eżempji differenti mal-istudenti) jew tiddedika aktar ħin għall-ħidma fi gruppi. Tista' tuża wkoll il-Linji Gwida tal-Kummissjoni għall-għalliema u l-edukaturi dwar l-indirizzar tad-diżinformazzjoni u l-promozzjoni tal-litteriżmu diġitali permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ biex tfassal aktar attivitajiet.

Huwa importanti li jiġi enfasizzat li l-libertà tal-espressjoni hija valur ewlieni fis-soċjetà Ewropea. L-għan ta' din il-lezzjoni mhuwiex li l-istudenti jiġu mgħallma dak li huma "permessi" li jgħidu, iżda li tiżdied is-sensibilizzazzjoni tagħhom dwar kif b'mod ġenerali, għandhom jaħsbu b'mod kritiku, u b'mod aktar speċifiku kif għandhom jevitaw li jiġu manipulati minn persuni jew organizzazzjonijiet li jxerrdu informazzjoni falza sabiex idgħajfu l-fiduċja fid-demokrazija, fix-xjenza u fl-istituzzjonijiet li lkoll għandna interess fihom. Media b'saħħitha u indipendenti u demokrazija b'saħħitha, fejn jinstemgħu ħafna vuċijiet u fehmiet differenti, huma wkoll kruċjali biex tiġi evitata d-diżinformazzjoni; għalhekk il-punt mhuwiex li titnaqqas il-libertà tal-kelma iżda li tiżdied, billi l-istudenti jiġu mgħallma jirrikonoxxu meta jkunu qed jiġu mmanipulati.

Ma nirrakkomandawx l-użu tat-terminu "aħbarijiet foloz" ("fake news"), għaliex xi drabi jintuża biex jikkritika l-media indipendenti.



*NB*: Id-diżinformazzjoni hija suġġett sensittiv u tista' tippreferi tuża l-eżempji alternattivi offruti fil-paġna 12 hawn taħt jekk ikunu adatti aktar għall-istudenti tiegħek. Bl-istess mod, tista' ssib studji tal-każ oħra aktar adatti għall-istudenti tiegħek jew tista' titlobhom jidentifikaw huma stess studji tal-każ oħra, bħala kompitu fi grupp.

## **INTRODUZZJONI** slides 1–2

→ L-għan hawnhekk huwa biss li l-istudenti jibdew jaħsbu dwar id-diżinformazzjoni.

## **X'INHI D-DIŻINFORMAZZJONI?** slides 3–8

→ **X'tista' tkun ir-raġuni li xi ħadd ixerred informazzjoni li mhijiex vera?**

Din hija opportunità tajba għal diskussjoni attiva.

Informazzjoni falza mhux neċessarjament tinxtered biss għall-fini ta' diżinformazzjoni.

→ **L-umoriżmu** jista' faċilment jiġi interpretat bħala aħbarijiet reali, speċjalment jekk ikun ġej minn pjattaforma jew kultura li ma tkunx familjari magħha.

→ Bl-istess mod, huwa faċli li wieħed jemmen **miżinformazzjoni** meta wieħed iħoss inċertezza jew biża' quddiem teknoloġija ġdida (eż. teknoloġija 5G/6G) jew theddid possibbli għall-ħajja jew għas-saħħa (eż. COVID-19). Huwa għalhekk li jitwettqu diversi studji ta' valutazzjoni tal-impatt, pereżempju, qabel ma jitqiegħdu fis-suq teknoloġiji jew mediċini ġodda. Madankollu, studji bħal dawn jieħdu ż-żmien u sadanittant l-istejjer jistgħu jinfirxu, minħabba li n-nies jemmnu li huma veri u ma jirrealizzawx li qed iqarrqu b'mod mhux intenzjonat u possibbilment saħansitra jagħmlu ħsara lill-oħrajn (ara slide 7).

→ F'xi każijiet, stejjer foloz jistgħu jinxterdu wkoll intenzjonalment biex iqarrqu bin-nies, f'liema każ inkunu qed nitkellmu dwar id-**diżinformazzjoni**. L-awturi jistgħu jużaw diversi tekniki differenti, bħall-manipulazzjoni emozzjonali, biex iqanqlu emozzjonijiet qawwija u jaljenaw lil dak li jkun mill-verità pereżempju, billi jqabbdu attur biex jirreċta l-parti ta' vittma ta' sitwazzjoni (ara slide 8).

L-għan hawnhekk huwa li l-istudenti jifhmu kemm wieħed jista' jiġi żgwidat faċilment — **ħadd ma huwa invinċibbli u li wieħed jaħseb li hu "intelliġenti wisq biex jiġi ingannat" fil-fatt jagħmlek aktar vulnerabbli.**



## KIF TAĦDEM ID-DIŻINFORMAZZJONI
slides 9–14

- Soċjetà miftuħa u tolleranti hija ħafna aktar reżistenti għad-diżinformazzjoni u forom oħra ta' manipulazzjoni; id-diżinformazzjoni tintuża biex tifred lin-nies u tesaġera d-differenzi interni u l-kunflitti jew il-kontroversji eżistenti.
- Dawk li jxerrdu d-diżinformazzjoni għandhom l-għan li joħonqu l-ispazju tal-informazzjoni, sabiex il-persuni jkunu tant konfużi jew mogħtija tant informazzjoni li ma jkunux jafu lil min jistgħu jafdaw, u jużaw diversi tekniki.
- Id-diżinformazzjoni tista' tinfirex faċilment fuq il-media soċjali — clickbait, bots, stejjer foloz u aktar.
- Deepfakes — l-IA tista' tintuża biex toħloq filmati jew immaġnijiet foloz konvinċenti. (vidjo) Aktar informazzjoni dwar id-deepfakes hawnhekk.
- Il-media tradizzjonali qed tintuża wkoll għad-diżinformazzjoni, kif muri mill-eżempju ta' Russia Today, pjattaforma tal-media tal-istat Russu li ġiet sospiża mix-xandir fl-UE.
- Vidjo qasir juri kif l-immaġni tista' tintuża barra mill-kuntest biex tinħoloq narrattiva falza. (vidjo)



## KIF TWIEĠEB GĦAD-DIŻINFORMAZZJONI slides 15–20

- **Ħu l-ħin tiegħek** meta twieġeb għad-diżinformazzjoni — irreżisti l-impuls li twieġeb minnufih, iżda ħu l-ħin biex tivverifika l-fatti u tikkunsidra spjegazzjonijiet possibbli.
- **Kif tiċċekkja l-fatti** — xi mistoqsijiet biex tistaqsi lilek innifsek meta tiltaqa' ma' xi ħaġa li tidher li hija diżinformazzjoni u xi riżorsi li jistgħu jgħinuk tiċċekkja jekk storja diġà ntweriet li hija falza minn verifikaturi tal-fatti professjonali.
- **Kif titkellem man-nies li taf** dwar id-diżinformazzjoni.

## X'QED TAGĦMEL L-UE? slide 21

- Skopri aktar dwar l-azzjoni tal-UE kontra d-diżinformazzjoni online hawnhekk.
- Tista' ssib il-Kummissjoni Ewropea fuq Instagram, Facebook u X (Twitter).
- Il-Parlament Ewropew jinsab fuq Instagram, Facebook u X (Twitter).
- Skopri dwar l-aktar diżinformazzjoni riċenti u l-istorja reali fuq EUvsDisinfo.eu (jew fuq YouTube, Facebook jew X (Twitter)).

## XOGĦOL FI GRUPPI, DISKUSSJONI TA' XI EŻEMPJI TIPIĊI TA' INFORMAZZJONI FALZA

slide 23

Aqsam il-klassi fi gruppi ta' massimu ta' 5–6 studenti. Assenja studju tal-każ lil kull grupp. Ħalli madwar kwarta biex l-istudenti jaqraw l-istudju tal-każ u jgħaddu l-mistoqsijiet, imbagħad 20–25 minuta oħra għall-preżentazzjonijiet minn kull grupp u diskussjoni fost il-klassi.

- Teorija ta' komplott ġdida u perikoluża li wasslet għal moviment li jixbah kult li issa qed jinfirex b'mod rapidu fl-Ewropa
- Reklamar mhux etiku u qarrieqi dwar mediċina X li hija "inkredibbilment effettiva"
- L-għasafar ta' vera? Teorija ta' komplott parodija
- Posts tal-media soċjali dwar l-elezzjonijiet

Innota li mhux l-istudji tal-każ kollha huma eżempji ta' diżinformazzjoni, iżda kollha huma rilevanti għall-iżvilupp tal-ħiliet tal-istudenti fin-navigazzjoni ta' informazzjoni mhux affidabbli.

*NB*: Dawn l-eżempji huma ppreżentati bħala materjali lesti għall-użu, iżda tista' ssib studji tal-każ oħra aktar adatti għall-istudenti tiegħek, jew tista' titlobhom jidentifikaw studji tal-każ huma stess, bħala kompitu fi grupp. Affarijiet bħal teoriji ta' komplott (eż. il-gvernijiet ixerrdu l-COVID-19, aljeni fiż-Żona 51, eċċ.), informazzjoni falza dwar is-saħħa, fatti foloz dwar gruppi ta' minoranza... Jista' jkun utli wkoll li l-istudenti jkunu jistgħu jagħmlu xi riċerka online rapida dwar l-istudji tal-każ ipprovduti, sabiex ikunu jistgħu jaraw b'għajnejhom x'informazzjoni hemm. Għal ispirazzjoni, agħti ħarsa lejn is-sorsi elenkati fis-slides 19 u 20.

### EŻEMPJI ALTERNATTIVI

- Vidjo deepfake jidher li juri l-President Ukren Volodymyr Zelenskyy iċedi lilu nnifsu lir-Russja
- Artiklu satiriku dwar il-Vatikan jgħid li Ġesù mhux se jirritorna ġie rrapportat bħala fatt minn sit web fl-Istati Uniti
- Il-pulizija Ġermaniża akkużata li wettqet arrest falz ta' Greta Thunberg — Link 1
- Il-pulizija Ġermaniża akkużata li wettqet arrest falz ta' Greta Thunberg — Link 2
- Ritratt falz ta' skrin tar-rapport ta' gazzetta Irlandiża dwar "it-tisħin globali asintomatiku"
- Affermazzjonijiet li l-immaġnijiet tad-dwal fis-sema fuq il-Hawaii juru li n-nirien fis-selvaġġ inbdew mil-lasers

### TEORIJI TA' KOMPLOTT

- Id-Dinja hija ċatta
- Teoriji ta' komplott dwar il-mewt tal-Prinċipessa Diana
- Elvis għadu ħaj





# 3. Studji tal-każ

## STUDJU TAL-KAŻ NRU 1
## L-INFLUWENZA DEJJEM TIKBER TA' "Q"

X'għandhom komuni l-eks President tal-Istati Uniti Barack Obama, l-eks Segretarju tal-Istat tal-Istati Uniti u l-kandidata presidenzjali Hillary Clinton, il-President Franċiż Emmanuel Macron, il-kantanta Lady Gaga, ir-ristorant tal-pizza Comet Ping Pong f'Washington D.C., il-fundatur tal-Microsoft Bill Gates u l-attur Tom Hanks? Skont l-aderenti tat-teorija tal-komplott QAnon, huma kollha parti minn ċirku li jaduraw lix-xitan u ta' traffikar tat-tfal li jinvolvi ċelebritajiet, politikanti u negozjanti ewlenin; L-eks President tal-Istati Uniti Donald Trump allegatament ġie reklutat minn ġenerali militari biex jesponi dan in-network u jtemm il-kontroll tagħhom fuq il-gvern u l-media, imsejjaħ ukoll "l-istat profond". It-teorija tinfirex minn figura anonima online bl-użu tal-isem kodiċi "Q", li tiddikjara li hija uffiċjal ta' grad għoli fil-gvern tal-Istati Uniti bl-ogħla approvazzjoni tas-sigurtà li tagħti aċċess għal informazzjoni klassifikata.

QAnon tfaċċat f'bords tal-messaġġi online marġinali bħal 4chan u 8chan fl-2017, u minn dak iż-żmien kisbet prominenza fuq diversi pjattaformi tal-media soċjali. Waħda mill-karatteristiċi ewlenin li permezz tagħha QAnon inxterdet daqshekk malajr hija l-karattru parteċipattiv tagħha: "Q" regolarment tippostja ħjiel fuq bords tal-messaġġi (magħrufa wkoll bħala "Q Drops"), filwaqt li tistieden lis-segwaċi jwettqu r-riċerka tagħhom stess biex isolvu l-misteru u jaslu għall-verità wara teoriji differenti. Minn tmiem l-2019, QAnon poġġiet ruħha f'siti web u paġni tal-media soċjali Ewropej u daħlet f'movimenti lokali li jadattaw għan-narrattivi u l-kuntesti lokali, primarjament fil-Ġermanja, Franza, l-Italja u r-Renju Unit. F'xi każijiet, gruppi eżistenti, bħall-movimenti tal-lemin estrem fil-Ġermanja, ukoll adottaw narrattivi ta' QAnon. L-"istat profond" b'saħħtu li jinsab fil-qalba tan-narrattivi ta' Q allegatament m'għandux fruntieri: Il-politiċi Ewropej u figuri eliti bħal Emmanuel Macron ġew deskritti wkoll bħala "pupazzi tal-istat profond" mis-segwaċi lokali ta' QAnon, u kien hemm akkużi li l-gvern Ġermaniż qed imexxi network sigriet tal-pedofilija.

Naturalment, il-pandemija tal-COVID-19 għamlet l-affarijiet saħansitra agħar. In-nies spiċċaw magħluqin fi djarhom, qattgħu ħafna aktar ħin fuq l-internet, u spiss ma kinux sodisfatti bir-restrizzjonijiet u l-miżuri tal-gvern tagħhom biex jindirizzaw il-pandemija (maskri, tbegħid soċjali, lockdowns u restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar). F'dan il-kuntest, in-narrattivi ta' QAnon varjaw minn teoriji li l-coronavirus huwa arma bijoloġika rilaxxata mill-"istat profond", sa Bill Gates li allegatament ippjana l-pandemija sabiex jimponi t-tilqim tal-massa u jikkontrolla l-popolazzjoni dinjija.

*Tista' tara wkoll [dan il-filmat dwar QAnon]().*



## MISTOQSIJIET GĦAD-DISKUSSJONI

1. Tista' tidentifika tema komuni fin-narrattivi tal-QAnon li qed jinfirxu fl-Istati Uniti u fl-Ewropa?
2. X'jagħmel il-moviment QAnon "attreanti" għas-segwaċi? X'jagħmlu differenti minn teoriji oħra ta' komplott?
3. Tista' tidentifika mumenti oħra fl-istorja, avvenimenti kritiċi li wasslu għal mewġiet simili ta' teoriji ta' komplott u diżinformazzjoni fil-kontinenti? X'għandhom komuni dawn kollha?
4. Mid-diskussjoni preċedenti tagħna dwar l-objettivi tal-atturi tad-diżinformazzjoni, kif taħseb li n-narrattivi QAnon jistgħu jintużaw minn setgħat barranin biex jimminaw l-Ewropa u jagħmluha tidher aktar dgħajfa?

# STUDJU TAL-KAŻ NRU 2
# ATTENZJONI! IL-PUNTI EWLENIN TAL-AĦBARIJIET DWAR IS-SAĦĦA JISTGĦU JKUNU QARRIEQA

*Minn Robert H. Shmerling, MD, Editur Superjuri tal-Fakultà, Harvard Health Publishing; Membru tal-Bord Konsultattiv Editorjali, Harvard Health Publishing. Novembru 2021.*

Qatt qrajt titlu li jiġbidlek l-attenzjoni iżda mbagħad issib li l-istorja nnifisha diżappuntanti? Jew agħar minn hekk, ħsibt li t-titlu drammatiku ewlieni kien kompletament qarrieqi? Iva, jien ukoll.

L-impatt ta' titlu mfassal tajjeb jista' jkun kbir. Ta' spiss nagħtu daqqa t'għajn ħafifa lejn it-titli ewlenin, imbagħad niddeċiedu jekk naqrawx l-istorja sħiħa jew le.

Bl-istess mod kif il-kopertura mill-media tar-riċerka dwar il-mediċini tista' tkun qarrieqa jew toħloq konfużjoni, l-aħbarijiet ewlenin dwar is-saħħa jistgħu jkunu ugwalment qarrieqa. Oqgħod attent għal dawn il-perikli.

**Sejbiet esaġerati tal-istudju**

→ **L-istudji saru fuq il-bnedmin?** Jekk studju jsib li mediċina hija sigura u effettiva għal marda importanti, dik hija aħbar kbira. Iżda x'jiġri jekk is-suġġetti kollha tal-istudju kienu ġrieden? Jekk jitħalla barra dan id-dettall importanti mit-titlu ewlieni, l-importanza tal-istudju tkun qed tiġi esaġerata.

→ **Ħafna drama.** Termini drammatiċi bħal "skoperti rivoluzzjonarji" huma komuni fit-titli ewlenin dwar ir-riċerka medika. Madankollu, skoperti veri huma pjuttost rari. Din hija n-natura tax-xjenza: l-għarfien għandu t-tendenza li jakkumula bil-mod, fejn kull wieħed jibni ftit fuq dak li ġie qabel.

→ **Esaġerazzjoni.** It-titli ewlenin spiss jaslu għal konklużjonijiet esaġerati meta jiġbru fil-qosor is-sejbiet ta' studju. Pereżempju, jekk ir-riċerkaturi jidentifikaw tip ġdid ta' ċellola fid-demm li tiżdied meta marda tkun qed taggrava, huma jistgħu jispekulaw li t-trattamenti biex jitnaqqsu dawk iċ-ċelloli jistgħu jikkontrollaw il-marda. "Ir-riċerkaturi jiskopru trattament ġdid!" jiġbed l-attenzjoni bħala titlu ewlieni. Ċertament, dan jista' jiġri xi darba, iżda hija dikjarazzjoni eċċessiva meta l-istudju lanqas biss kien qed jivvaluta l-kura.

→ **Jinjoraw l-aktar riżultat importanti.** Minflok ma jeżaminaw kif kura taffettwa l-mard tal-qalb, pereżempju, l-istudji jistgħu jivvalutaw kif dan jaffettwa fattur ta' riskju għalih. Eżempju tajjeb huwa l-kolesterol. Huwa tajjeb jekk mediċina tbaxxi l-kolesterol, iżda jkun ferm aħjar jekk tnaqqas ir-rata tal-mard kardjovaskulari u tal-imwiet. It-titli ewlenin rarament jindikaw id-differenza importanti bejn "miżura sekondarja" (bħal fattur ta' riskju) u l-aktar eżitu importanti (bħar-rati ta' mwiet).



*Source*: Harvard Health Publishing Blog, 21 November 2021. Edited for length.

## ?! MISTOQSIJIET GĦAD-DISKUSSJONI

1. X'inhuma l-effetti negattivi possibbli ta' titli esaġerati jew mhux preċiżi dwar ir-riċerka xjentifika (speċjalment ir-riċerka medika)?
2. Tista' taħseb dwar (jew issib) xi eżempji ta' artikli li jesaġeraw is-sejbiet tar-riċerka xjentifika?
3. Taħseb li n-nies xorta waħda jaqraw jew jaraw aħbarijiet dwar ir-riċerka medika jekk din tiġi ppreżentata b'mod preċiż?
4. Kif jistgħu n-nies jiżguraw li ma jiġux imqarrqa b'rappurtar drammatiku żżejjed dwar ir-riċerka?

## STUDJU TAL-KAŻ NRU 3
## L-GĦASAFAR TA' VERA?

Rajt għasfur dan l-aħħar? Innutajt xi ħaġa stramba dwaru? Fl-2017, bdew jidhru tabelli "Birds Aren't Real" ("L-għasafar mhumiex ta' vera") fil-protesti u bdiet tinfirex fuq il-media soċjali t-teorija li dawk li jidhru li huma għasafar fil-fatt kienu droni. Il-proponenti tat-teorija jsostnu li l-għasafar kollha fl-Istati Uniti ġew esterminati mill-gvern federali bejn l-1959 u l-1971 u sostitwiti minn droni li jidhru qishom għasafar użati mill-gvern biex jispijaw fuq iċ-ċittadini. Huma jsostnu wkoll li dan seħħ f'pajjiżi oħra, għalkemm ma jispeċifikaw l-ebda pajjiż tal-UE.

Bħal fil-każ ta' teoriji oħra ta' komplott, hemm xi inkonsistenzi fl-affermazzjonijiet ta' dawk li jemmnu, iżda dawn huma xi wħud:

- Il-ħmieġ tal-għasafar jaqa' fuq il-karozzi ta' spiss wisq biex ikun koinċidenza: fil-fatt, huwa forma ta' apparat ta' lokalizzazzjoni likwidu.
- Il-bajd u l-laħam li nieklu huma fil-fatt "100 % sintetiċi" u ġew manifatturati mill-gvern tal-Istati Uniti biex iwaqqfu lin-nies milli jissuspettaw.
- L-eks President John F. Kennedy ġie assassinat mill-gvern tal-Istati Uniti minħabba li ma riedx iħalli l-għasafar jiġu esterminati.

Għalkemm l-oriġinatur tal-moviment, Peter McIndoe, sostna għal diversi snin li kien tassew jemmen dak li kien qed jgħid, f'dawn l-aħħar snin huwa ammetta li hija teorija ta' komplott satirika, li bdiet minn frustrazzjoni dwar il-proliferazzjoni ta' teoriji ta' komplott matul il-presidenza ta' Trump.

Tista' taqra aktar dwar Birds Aren't Real hawnhekk. Din mhijiex l-unika teorija ta' komplott "falza" — tista' wkoll tirriċerka t-teorija ta' komplott ta' Bielefeld.



### ?! MISTOQSIJIET GĦAD-DISKUSSJONI

1. Taħseb li xi ħadd jemmen din it-teorija?
2. X'għandha komuni din it-teorija ma' teoriji ta' komplott "reali" li smajt dwarhom?
3. Għaliex taħseb li n-nies jibdew jemmnu f'teoriji ta' komplott?
4. It-teoriji ta' komplott satiriċi huma mod tajjeb kif jiġu miġġielda dawk "reali"?

# STUDJU TAL-KAŻ NRU 4
# DISKUSSJONI FIL-MEDIA SOĊJALI DWAR L-ELEZZJONIJIET

Agħti daqqa t'għajn lejn il-posts tal-media soċjali hawn taħt. Dawn mhumiex reali, iżda huma ispirati mit-tipi ta' posts li għandhom it-tendenza li jidhru fuq il-media soċjali fit-tħejjija għall-elezzjonijiet. Huwa importanti li wieħed iżomm f'moħħu li irregolaritajiet żgħar u żbalji umani jistgħu jseħħu f'kull elezzjoni u li hemm rutini stabbiliti fis-seħħ għall-verifika ta' affarijiet bħal dawn fil-pajjiżi kollha tal-UE. Madankollu, l-elezzjonijiet spiss ikunu l-mira ta' diżinformazzjoni aktar koordinata, li tiddikjara frodi elettorali, irregolaritajiet elettorali eċċ.













*Immaġnijiet iġġenerati permezz ta' Tweetgen.com u Zeoob.com*

## MISTOQSIJIET GĦAD-DISKUSSJONI

1. Taqbel ma' xi wieħed mill-argumenti li saru f'dawn il-posts? Għala (le)?
2. X'motivazzjoni taħseb li n-nies jista' jkollhom biex jippowstjaw affarijiet bħal dawn fuq il-media soċjali?
3. X'impatt taħseb li posts bħal dawn jista' jkollhom fuq elezzjoni?
4. Jekk ħabib tiegħek ippowstja xi ħaġa bħal din fuq il-media soċjali, kif tirreaġixxi?

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea

PDF ISBN 978-92-68-13954-7 doi:10.2775/094043 NA-03-24-059-MT-N